

Brussell, 5 ta' Diċembru 2017
(OR. en)

14802/17

CFSP/PESC 1057
CSDP/PSDC 661
COPS 372
POLMIL 153
EUMC 147

EŻITU TAL-PROĊEDIMENTI

minn:	Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill
fi:	5 ta' Diċembru 2017
lil:	Delegazzjonijiet
Nru. dok. preċ.: EUMC 146	14801/17 CFSP/PESC 1056 CSDP/PSDC 660 COPS 371 POLMIL 152
Suġġett:	Konklużjonijiet tal-Kunsill dwar l-Implimentazzjoni tad-Dikjarazzjoni Konġunta mill-President tal-Kunsill Ewropew, il-President tal-Kummissjoni Ewropea u s-Segretarju Ġenerali tal-Organizzazzjoni tat-Trattat tal-Atlantiku tat-Tramuntana

Id-delegazzjonijiet isibu fl-Anness il-Konklużjonijiet tal-Kunsill dwar l-Implimentazzjoni tad-Dikjarazzjoni Konġunta mill-President tal-Kunsill Ewropew, il-President tal-Kummissjoni Ewropea u s-Segretarju Ġenerali tal-Organizzazzjoni tat-Trattat tal-Atlantiku tat-Tramuntana, adottati mill-Kunsill fit-3582 laqgħa tiegħu tal-5 ta' Diċembru 2017.

Konklużjonijiet tal-Kunsill dwar l-Implimentazzjoni tad-Dikjarazzjoni Konġunta mill-President tal-Kunsill Ewropew, il-President tal-Kummissjoni Ewropea u s-Segretarju Ġenerali tal-Organizzazzjoni tat-Trattat tal-Atlantiku tat-Tramuntana

1. F'konformità mal-Konklużjonijiet tiegħu tas-6 ta' Diċembru 2016 u tad-19 ta' Ġunju 2017, il-Kunsill jilqa' l-kooperazzjoni kontinwa mill-qrib u ta' tisħiħ reċiproku man-NATO f'oqsma ta' interess komuni, kemm b'mod strateġiku kif ukoll operazzjonali, fil-maniġġar ta' kriżijiet b'appoġġ għall-paċi u s-sigurtà internazzjonali kif ukoll fl-iżvilupp tal-kapaċitajiet ta' difiża fejn il-ħtiġijiet ikunu l-istess. Għall-UE, l-Implimentazzjoni tad-Dikjarazzjoni Konġunta tibqa' prijorità politika ewlenija. Hija element essenzjali minn sforz usa' mmirat lejn it-tisħiħ tal-abbiltà tal-Unjoni biex taġixxi bħala fornitur tas-sigurtà u ssaħħa l-abbiltà tagħha li tikkoopera mas-sħab, kif reġa' ġie ddikjarat reċentement fil-Konklużjonijiet tal-Kunsill dwar is-sigurtà u d-difiża fil-kuntest tal-Istrateġija Globali tal-UE tat-13 ta' Novembru 2017.
2. Il-Kunsill jilqa' l-progress ulterjuri li sar fl-implimentazzjoni tas-sett komuni ta' proposti (42 azzjoni) u f'dan ir-rigward jirrikonoxxi t-tieni rapport ta' progress ippreżentat konġuntament mir-Rappreżentant Għoli/Viċi President/Kap tal-Aġenzija Ewropea għad-Difiża u s-Segretarju Ġenerali tan-NATO skont il-Konklużjonijiet tal-Kunsill tas-6 ta' Diċembru 2016.
3. Bl-għan li jikkonsolida l-progress u jiggarrantixxi aktar progress fl-oqsma kollha mniżżla fid-Dikjarazzjoni Konġunta, il-Kunsill japprova sett komuni ta' proposti ġodda mehmuż fl-anness, li għandu jiġi inkorporat fis-sett oriġinali ta' proposti. Dawn huma azzjonijiet konkreti ulterjuri fl-implimentazzjoni tad-Dikjarazzjoni Konġunta żviluppata konġuntament bejn l-UE (is-SEAE u s-servizzi tal-Kummissjoni, flimkien mal-EDA) u n-NATO, inkluż suġġetti ġodda bħall-ġlieda kontra t-terroriżmu, in-nisa, il-paċi u s-sigurtà u l-mobbiltà militari.

4. Il-Kunsill jafferma mill-ġdid li l-kooperazzjoni bejn l-UE u n-NATO ser tkompli fi spirtu miftuħ u trasparenti għalkollox, b'rispett sħiħ lejn l-awtonomija tat-teħid tad-deċiżjonijiet u l-proċeduri taż-żewġ organizzazzjonijiet u b'kooperazzjoni mill-qrib mal-Istati Membri u bl-involvement sħiħ tagħhom. Din hija bbażata fuq il-prinċipji tal-inklużività u r-reċiproċità mingħajr preġudizzju għan-natura speċifika tal-politika ta' sigurtà u difiża ta' kwalunkwe Stat Membru.
5. Il-Kunsill jikkonferma li s-sett komuni ta' proposti mhuwiex dokument awtonomu u għandu jinqara flimkien ma' dawn il-Konklużjonijiet tal-Kunsill li t-tnejn ser jiġu implimentati skont il-prinċipji msemmija iktar 'il fuq. Is-sett komuni ta' proposti ġodda qed jiġi approvat fi proċess parallel min-NATO permezz tal-Kunsill tal-Atlantiku tat-Tramuntana.
6. Il-Kunsill ifakkar li l-kooperazzjoni tan-NATO ma' Stati Membri tal-UE li mhumiex fin-NATO hija parti integrali mill-kooperazzjoni bejn l-UE u n-NATO u f'dan ir-rigward, il-Kunsill jilqa' l-kontribut pożittiv tal-Istati Membri tal-UE li mhumiex fin-NATO għall-attivitajiet tan-NATO. Tali attivitajiet huma parti integrali mill-kooperazzjoni bejn l-UE u n-NATO u l-Kunsill jappoġġa ferm li dawn jitkomplew.
7. Il-Kunsill jistieden lir-Rappreżentant Għoli/Viċi President/Kap tal-Aġenzija Ewropea għad-Difiża biex tkompli l-progress fir-rigward tal-implimentazzjoni, f'kooperazzjoni mill-qrib mal-Istati Membri u b'hekk tiżgura l-involvement u t-trasparenza sħaħ tagħhom, u jistenna b'interess li jirċievi r-rapport li jmiss f'Ġunju 2018, u fuq bażi annwali minn hemm 'il quddiem.

Sett komuni ta' proposti ġodda għall-implimentazzjoni tad-Dikjarazzjoni Konġunta ffirmata mill-President tal-Kunsill Ewropew, il-President tal-Kummissjoni Ewropea u s-Segretarju Ġenerali tal-Organizzazzjoni tat-Trattat tal-Atlantiku tat-Tramuntana

Il-ġlieda kontra t-theddid ibridu

Għarfien tas-Sitwazzjoni:

- Jiġu intensifikati r-relazzjonijiet fost l-atturi fil-livell tal-persunal impenjat fil-ġlieda kontra t-theddid ibridu, u tissaħħaħ il-kooperazzjoni, billi fost oħrajn:
 - L-approċċi tagħhom jiġu żviluppati biex joperaw fil-qasam tal-Informazzjoni Disponibbli għall-Pubbliku inklużi proċessi u għodod ta' ġbir ta' data, u tal-analiżi u t-tixrid tagħha, kif ukoll l-iskambju ta' prodotti mhux klassifikati.
 - Il-kollaborazzjoni maċ-Ċentru Ewropew ta' Eċċellenza għall-Ġlieda Kontra t-Theddid Ibridu tiġi żviluppata, inkluż bl-appoġġ ta' għarfien tas-sitwazzjoni.
- Tissaħħaħ il-kooperazzjoni fuq livell ta' persunal dwar valutazzjonijiet ta' theddid, inkluż it-terroriżmu, li ġejjin min-Nofsinhar u l-Lvant; Jitqiesu kif xieraq il-kontributi miċ-Ċentru tan-NATO għan-Nofsinhar.
- Jiġu eżaminati l-possibbiltajiet biex ikun hemm skambju regolari ta' informazzjoni bejn il-persunal tal-UE u tan-NATO, inkluż l-Aġenziji rilevanti, dwar il-ġlieda kontra t-theddid terroristiku. Isir rapport lill-Kunsilli rispettivi sa Ġunju 2018.
- Sal-2018, jiġu ppreżentati fid-dettall u analizzati l-indikaturi ta' kwistjonijiet ta' ugwajjanza bejn is-sessi f'sistemi/analiżi ta' twissija bikrija, inkluż dawk l-indikaturi li jistgħu jtejbju l-għarfien tas-sitwazzjoni u l-livell ta' tħejjija, b'appoġġ għall-UNSCR 1325 (2000).

Komunikazzjoni strateġika

- Fejn xieraq, jiġu kkoordinati l-messaġġi ta' komunikazzjoni strateġika dwar it-theddid għas-sigurtà, inkluż kwistjonijiet marbuta mat-terroriżmu.

It-tishih tar-reżiljenza

- Tissaħħaħ il-kooperazzjoni bejn il-persunal dwar il-livell ta' tħejjija ċivili, inkluż permezz ta' valutazzjonijiet tar-riskju, evakwazzjoni medika (MEDEVAC), inċidenti ta' diżgrazzji massivi, u l-moviment tal-popolazzjoni.
- Jiġi żviluppat programm mibni fuq diskussjonijiet u sessjonijiet ta' ħidma bejn il-persunal li jkun imfassal biex jippromwovi fehim reċiproku tal-maniġġar ta' kriżi ibrida, f'konformità mal-protokoll operazzjonali rispettiv, kif ukoll l-implikazzjonijiet ta' żvilupp fil-kapaċità wara r-riżultati tal-eżerċizzji ta' simulazzjoni rilevanti dwar it-theddid ibridu mwettqa fl-2016.
- Iċ-Ċentru Ewropew ta' Eċċellenza għall-Ġlieda Kontra t-Theddid Ibridu tista' tiffaċilita diskussjonijiet, sessjonijiet ta' ħidma u eżerċizzji bbażati fuq xenarji.
- Il-persunal tan-NATO u tal-UE ser jippreżentaw fid-dettall fejn jinsabu fl-isforzi fil-livell ta' tħejjija ċivili tagħhom bejn il-ħidmiet differenti mwettqa għal-Linji Bażi ta' Reżiljenza tan-NATO u dawk għall-Prevenzjoni u l-Livell ta' Tħejjija tal-UE, u jiġu stipulati proposti dwar fejn aktar kooperazzjoni tista' ssarraff f'valur miżjud matul l-2018.
- Fuq il-bażi ta' prattika stabbilita u proċeduri applikati, tiġi esplorata l-inklużjoni, fejn ikun xieraq, tal-persunal tal-UE fit-Timijiet ta' Appoġġ ta' Konsulenza għar-Reżiljenza tan-NATO u f'timijiet oħra ta' assistenza, u tal-istaff tan-NATO f'missjonijiet ta' konsulenza rilevanti tal-UE għall-prevenzjoni u l-livell ta' tħejjija mmexxija skont il-Mekkaniżmu tal-Unjoni għall-Protezzjoni Ċivili (UCPM) soġġett għall-approvazzjoni tal-Istat ospitanti.

Kooperazzjoni operazzjonali inkluż kwistjonijiet marittimi

- Fuq il-bażi tal-esperjenza fil-Baħar Mediterran u l-Qarn tal-Afrika, jiġu esplorati possibbiltajiet ulterjuri għal appoġġ loġistiku reċiproku u skambju ta' informazzjoni bejn il-persunal dwar attivitajiet operazzjonali, inkluż il-migrazzjoni irregolari, meta l-UE u n-NATO jqisu jew iwettqu attivitajiet fl-istess żoni. Barra minn hekk, jitqiesu aktar possibbiltajiet għal kooperazzjoni marittima.

Ċibersigurtà u Ċiberdifiża

- Isir skambju ta' prattiki tajba fost il-persunal dwar l-aspetti u l-implikazzjonijiet ċibernetiċi tal-maniġġar ta' kriżi u r-reazzjoni għaliha, kif ukoll aspetti ta' difiża ċibernetika, bħall-analiżi ta' theddid u ta' informazzjoni malwer, bil-ħsieb li s-sinerġiji tal-approċċi ta' bejn iż-żewġ organizzazzjonijiet ikunu mifhuma aħjar u identifikati sinerġiji oħra potenzjali, inkluż l-iskwadri ta' rispons għal-inċidenti relatati maċ-ċibersigurtà.

Kapaċitajiet tad-Difiża

- Jiġu stabbiliti l-kooperazzjoni u l-konsultazzjoni fil-livell tal-persunal, permezz ta' laqgħat regolari, fil-mobbiltà militari fl-oqsma kollha (l-art, il-baħar u l-ajru) sabiex jiġi żgurat approċċ koerenti u sinerġiji bejn l-UE u n-NATO bil-għan li jindirizzaw b'mod effettiv l-ostakli eżistenti, fosthom dawn legali, infrastrutturali u proċedurali, sabiex jiġu ffaċilitati u mħaffa ċ-ċaqliq u l-qsim tal-fruntiera ta' persunal u materjal militari, b'rispett sħiħ tad-deċiżjonijiet nazzjonali sovrani.
- Tinżamm sessjoni ta' ħidma li għandha tkun koorganizzata fl-ewwel nofs tal-2018 sabiex tiżviluppa fehim kondiviż dwar il-modi kif il-ġlieda kontra t-terroriżmu tista' tibbenefika mill-iżvilupp tal-kapaċitajiet ta' difiża.

- Jiġi żgurat li fejn ir-Rieżami Annwali Kkoordinat dwar id-Difiża (CARD) u l-proċessi rispettivi tan-NATO (bħall-Proċess ta' Ppjanar tad-Difiża tan-NATO) ikollhom l-istess rekwiżiti, ikun hemm koerenza f'dak li jgħroġ minnhom, filwaqt li tkun rikonoxxuta n-natura differenti taż-żewġ organizzazzjonijiet u r-responsabbiltajiet rispettivi tagħhom, permezz ta' kuntatti fost il-persunal u bi stedinet mill-Istati Membri kkonċernati lill-persunal tan-NATO biex jattendi laqgħat bilaterali tal-CARD, fejn xieraq.

Eżerċizzji

- Fid-dawl ta' PACE 2018, abbażi ta' lezzjonijiet identifikati minn eżerċizzji li saru fl-2017, jiġi mfittex l-iżvilupp sa Ġunju 2018 tar-rekwiżiti għal komunikazzjonijiet sikuri fil-livell tal-persunal, f'konformità ma' arranġamenti u proċeduri sikuri, għall-iskambju ta' informazzjoni klassifikata bil-għan li tittejjeb il-ħila tagħhom li jinteraġixxu b'mod sikur u effikaċi.
- Fuq il-bażi tal-esperjenza u t-tagħlimiet f'CMX 17 u PACE 18, jiġi żviluppat pjan għall-implimentazzjoni ta' eżerċizzji paralleli kkoordinati (PACE) bejn in-NATO u l-UE fl-2019-2020.
- Fuq il-bażi tal-esperjenza tal-eżerċizzji rispettivi tal-UE u n-NATO għal kuntesti ibridi u ċibernetiċi, mill-2018 jiġu żviluppati u varati sett ta' moduli ta' taħriġ u eżerċizzji komuni, kemm jekk waħedhom jew jekk integrati f'xenarji ta' eżerċizzji u formati ta' taħriġ usa', sabiex jingħata taħriġ koerenti lill-persunal rispettiv.
- Tissaħħaħ l-interazzjoni bejn il-persunal, kif xieraq, fil-qafas tal-eżerċizzji rilevanti ta' rispons għal diżastri tan-NATO u tal-UE.
- Jiġi stabbilit djalogu bejn il-persunal biex jeżamina l-possibbiltà li jwettaq diskussjonijiet dettaljati bbażati fuq ix-xenarju dwar il-ġlieda kontra t-terroriżmu għal skopijiet ta' taħriġ tal-persunal.

It-tisħiħ tal-kapaċitajiet fil-qasam tas-sigurtà u d-difiża

Il-persunal tal-UE u n-NATO, ser:

- Jiskambja informazzjoni, kif xieraq, dwar is-sitwazzjoni tas-sigurtà fil-pajjiżi sħab tal-Lvant u n-Nofsinhar, kif ukoll fl-Iraq, il-Libja u l-Balkani tal-Punent, kif ukoll dwar kif daww il-pajjiżi l-organizzazzjonijiet internazzjonali rilevanti jistgħu jingħataw appoġġ.
- Ikunu żgurati l-iskambju ta' informazzjoni u l-armonizzazzjoni militari kontinwi, fil-livelli kollha, rigward l-attivitajiet fl-Iraq.
- Jiġu kkoordinati l-isforzi b'appoġġ tal-Pjan Direzzjonali ta' Erba' Snin u l-mekkaniżmi ta' riforma tal-Gvern Afgan.
- Jiġu kkoordinati l-appoġġ għat-tisħiħ tal-kapaċitajiet tas-sħab fil-ġlieda kontra t-theddid CBRN, ċibernetiku u terroristiku.
- Titrawwem il-kooperazzjoni dwar l-ugwaljanza bejn is-sessi u aspetti relatati mad-WPS fil-bini tal-kapaċità tal-imsieħba f'oqsma kif xieraq b'appoġġ għall-UNSCR 1325 (2000).

Tisħiħ tad-djalogu politiku bejn l-UE u n-NATO

- Jiġi stabbilit djalogu bejn il-persunal dwar kwistjonijiet marbuta mal-ġlieda kontra t-terroriżmu fosthom bil-ħsieb tal-parteċipazzjoni tan-NATO u l-UE fil-laqgħat tal-Koalizzjoni Globali biex Tegħleb l-ISIS, anke bil-ħsieb li tissaħħaħ il-kooperazzjoni f'approċċi ta' komunikazzjoni strateġika rilevanti.
- Fejn xieraq, il-persunal jipprevedu żjarat koordinati minn pajjiżi msieħba tal-Lvant, tan-Nofsinhar u tal-Balkani tal-Punent.
- Titqies il-possibbiltà, skont il-każ, li l-persunal jistieden rappreżentanti minn organizzazzjonijiet oħra bħala osservaturi fil-laqgħat mas-sħab.

- Jitkomplu u jissaħħaħ id-djalogu bejn il-persunal dwar l-implimentazzjoni ta' proposti komuni, inkluż bejn il-persunal militari tan-NATO u tal-UE.
- Tiżdied l-informazzjoni mogħtija bejn iż-żewġ naħat b'mod reċiproku u bbilanċjat, fil-Kunsilli/Kumitati/gruppi ta' ħidma rilevanti tal-UE u n-NATO dwar kwistjonijiet ta' interess komuni fosthom l-isfidi għas-sigurtà li ġejjin mil-Lvant u n-Nofsinhar, il-Balkani tal-Punent, il-ġlieda kontra t-terroriżmu, is-sigurtà ċibernetika, ibrida u marittima u t-tisħiħ tal-kapaċitajiet tad-difiża u s-sigurtà, kif ukoll żviluppi ewlenin fis-sigurtà u d-difiża Ewropej marbuta mal-implimentazzjoni tal-Istrateġija Globali tal-UE u l-Pjan ta' Azzjoni ta' Difiża Ewropew, u l-politiki tan-NATO.
- Isir skambju bejn il-persunal tal-aħjar prattika dwar l-edukazzjoni u t-taħriġ li tindirizza l-kwistjoni tat-“Tfal u l-Kunflitti Armati” u tiġi esplorata l-possibbiltà ta' taħriġ komuni tal-persunal.
- Sa Ġunju 2018, il-persunal għandhom jagħtu rapport bil-miktub lill-Kunsilli rispettivi dwar il-modalitajiet għal kooperazzjoni, impenn u kollaborazzjoni sistematiki bejn il-persunal taż-żewġ Organizzazzjonijiet fl-implimentazzjoni tal-proposti komuni.
